MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 2978/2002

**Polidano Brothers Limited u Pantar Investments Limited**

**vs**

**Nazzareno Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' mija hamsa u erbghin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm145.20) rappresentanti kwantu ghal mija erbgha u tletin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm134.58) bhala arretrati ta' kera u kwantu ghal ghaxar Liri Maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm10.62) bhala rimbors ta' l-ispejjez ta' manteniment, ilkoll ghall-perjodu mis-16 ta' Settembru 2001 sat-30 ta' Mejju 2002, in konnessjoni ma' kuntratt ta' lokazzjoni li kien jezisti bejn il-partijiet ta' garaxx bin-numru 38 li jinsab

fil-kumpless ta’ bini maghruf bl-isem ta’ “Rampol Building” fi Triq John Borg, Birkirkara.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tas-17 ta’ Mejju 2002 u tal-15 ta’ Novembru 2002 u ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Gunju 2002 u bl-imghaxijiet mis-16 ta’ Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa` ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Luigi Sansone, in rappresentanza tas-socjetajiet attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ mija hamsa u erbghin Liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm145.20), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Gunju 2002 , ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------